MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 631/2003

**Allcom Ltd**
**Vs**

**Jonathan Grima**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghal hlas ta' Lm1104.20 (elf u mija u erba' liri Maltin u ghoxrin centezmu) ghal bejgh u stallazzjoni ta' PABX System fil-hanut tal-konvenut f'Baystreet Complex, San Giljan ghalkemm interpellat biex ihallas baqa' indempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi

pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-23 ta' April 2003 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fil-5 ta' Frar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------